P. ĠUŻEPP VELLA O.F.M.

# DR ALBERTO MAGRI LL.D. (1896–1972)

Is-sena l-oħra tajna xi tagħrif dwar l-ewwel President tas-Soċjetà tagħna n-Nutar Giovanni Gabaretta. Din is-sena jixraq li nagħti xi ħjiel dwar it-tieni President li huwa l-Onor. Imħallef Alberto Magri, LL.D.

L-isem proprju tiegħu kien Carlo-Alberto. Imma kemm fil-familja u kemm mal-poplu kien magħruf bl-isem ta' Alberto. Huwa kien l-ewwel wild ta' Emmanuele u Valentina Consigli. Twieled fil-belt Valletta nhar is-27 ta' April 1896. Ġie mgħammed fil-knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu, nhar it-3 ta' Mejju, mill-Kanonku Dun Paolo Muscat. Miċ-ċertifikat tal-Magħmudija nsibu li ġie mogħti wkoll l-ismijiet ta' Giovanni, Vincenzo, Enrico u Antonio.[1] Huwa kellu tliet ħutu bniet u żewġ ħutu subien oħra. Kien għadu tifel żgħir ħafna meta l-familja tiegħu ġiet toqgħod Tas-Sliema. Id-dar kienet nru. 33 fi "Sliema Wharf" (illum "The Strand") quddiem il-baħar, viċin ħafna fejn illum hemm is-Sliema Hotel.[2] Fil-fatt ħuh iż-żgħir Edoardo (Imħallef ukoll) nafu żgur li twieled Tas-Sliema. Dakinhar Alberto kellu 12-il sena.[3] Għalhekk bir-raġun kollu nistgħu ngħidu li Alberto trabba hawn Tas-Sliema. Huwa studja fil-Liċeo tal-Belt u wara daħal fl-Università ta' Mala. Kiseb il-lawrija ta' Avukat fl-1919.[4]

## Ħidma b'risq is-Soċjetà

Wara r-riżenja tan-Nutar Giovanni Gabaretta saret Seduta Ġenerali Straordinarja, nhar l-1 ta' Novembru 1923, biex jiġi maħtur President ġdid. Il-Viċi President, is-sur Alberto Mizzi, ippropona lill-Avukat Alberto Magri. Din il-proposta ġiet aċċettata unanimament b'akklamazzjoni mis-soċji li kienu preżenti.[5] Fis-Seduta Ġenerali ordinarja li saret fis-6 ta' Jannar 1924, Alberto, reġa' ġie kkonfermat President li baqa' sal-10 ta' Settembru ta' l-istess sena. Dakinhar saret Seduta Ġenerali biex jinħatar President ġdid. Ġie elett is-sur Giovanni A. Vassallo. Imma dam biss ftit ġranet. Għalhekk fl-24 ta' Settembru kellha ssir Seduta Ġenearli oħra. Fiha Alberto Magri reġa' ġie elett President tas-Soċjetà.[6]

Taħt il-presidenza tiegħu s-Soċjetà tagħna, fi Frar 1924, ħalliet l-ewwel Sede tagħha u marret fid-dar kbira (fejn għadha sallum) quddiem il-Knisja Parrokkjali tagħna. Biex dan seta' jseħħ kienu meħtieġa spejjeż konsiderevoli. Dr Alberto kellu għal qalbu din l-inizjattiva u għalhekk appoġġaha bis-sħiħ biex is-Soċjetà jkollha suċċess. Huwa għamel kuraġġ lis-soċji. Kien meħtieġ li jsir xi self ta' flus. Dawn ġew awtorizzati fil-laqgħa tal-Kumitat li saret fid-19 ta' Jannar 1924. L-ispejjeż kienu jinkludu alterazzjonijiet fis-sular ta' fuq, l-istallazzjoni tad-dawl elettriku, tibjid tal-Każin kollu u xiri ta' għamara.[7]

Fit-13 ta' Awissu 1924, fil-laqgħa tal-kumitat, intweriet ix-xewqa ta' xi soċji li l-Banda għandha jkollha l-uniformi tagħha. Il-President Magri qabel ma' din l-idea u talab lis-segretarju biex jieħu nota ta' dawk il-membri li kienu bi ħsiebhom jikkontribwixxu xi flus beix jintlaħaq dan il-għan.[8]

F'Ottubru ta' din l-istess sena l-Banda tagħna, għat-tieni darba, ġiet mistiedna mill-Banda La Valette. Din kienet qiegħda tiċċelebra l-50 sena mit-twaqqif tagħha. Kien nhar it-18 ta' Ottubru 1924 meta l-President Dr Alberto Magri LL.D. kellu s-sodisfazzjon li jara l-banda SLIEMA, għall-ewwel darba, tagħmel marċ matul Strada Reale kollha u wara tesegwixxi programm fil-pjazza ta' quddiem il-Palaz tal-Gvernatur.[9]

F'din l-istess sena wkoll il-Banda SLIEMA ġiet mogħtija t-tieni premju (midalja tal-fidda) għas-sehem li tat fil-"British Empire Exhibition".[10] Dr Alberto Magri temm il-kariga ta'



President nhar it-23 ta' Awissu 1925. F'Seduta Ġenerali li sarert dakinhar is-sur Arturo Mifsud inħatar bħala l-President il-ġdid.[11] Wara, fis-seduta tal-Kumitat tas-26 ta' Awissu 1925 Dr Alberto Magri LL.D. ġie maħtur President Onorarju tas-Soċjetà għal għomru.[12] Din in-nomina ġiet ikkonfermata fis-Seduta Ġenerali li saret fis-6 ta' Jannar 1926.[13]

## Il-Ħidma Politika u l-Professjoni

Il-ħidma tiegħu fil-politika bdiet fl-1921 meta l-avukat Nerik Mizzi waqqaf il-Partit tiegħu Demokratiku Nazzjonalista. F'dak iż-żmien l-avukat Alberto Magri kien qiegħed jibbrilla fil-Kawżi Kriminali li kien jiddefendi b'kapaċità kbira.[14] Għalhekk Nerik Mizzi talbu biex joħroġ għall-politika mal-Partit tiegħu. Huwa ħatru Segretarju Ġenerali tal-Partit.[15] Alberto ikkontesta l-elezzjoni, li saret fid-9 u l-10 ta' Ġunju 1924, fit-tieni Distrett li minnu kienet tagħmel parti Tas-Sliema. Huwa ġab 524 vot u hekk ġie elett fl-Assemblea Leġislattiva.[16] Meta ġie elett fil-Parlament, huwa, kien il-President tal-Każin tagħna. Fis-Seduta Ġenerali li saret fit-18 a' Ġunju 1924, is-Segretarju ppropona

"voto di congratulazione". Din il-proposta ġiet milqugħa b'akklamazzjoni unanima mis-soċji preżenti.[17] Jidher li l-ħidma politika tiegħu damet sa l-elezzjoni tal-1927 għax ma kienx ikkontestaha.

Dr Alberto iddistingwa ruħu f'attivitajiet estensivi fil-Qrati Ċivili, Kriminali u dawk Kummerċjali. Il-kapaċità tiegħu wasslitu biex ikun difensur magħruf f'ġurijiet kriminali. Huwa iddefenda 17-il Każ Kapitali. L-akbar wieħed kien dak ta' Tradiment kontra Malta, fl-1942, ta' Carmelo Borg Pisani. Wara l-gwerra, imbagħad, kellu tliet ġurijiet kbar li meta l-akkużati ġew ipproċessati nstabu mhux ħatja u hekk ħarġu liberati. Bħala avukat kien, għal ħafna snin, Viċi President tal-Kamra ta' l-Avukati. Fl-1952 Alberto Magri ġie maħtur Imħallef u baqa' f'din il-kariga sal-1961 meta rtira bl-età ta' 65 sena.[18]

**Ħidma Filantropika**

L-Imħallef Magri ma kienx miżżewweġ. Fl-1937 huwa ħalla Tas-Sliema u reġa' mar joqgħod il-Belt flimkien ma' ħutu l-bniet. Huma kienu joqogħdu Strada Federico fejn baqa' jgħix sakemm miet.[19] Fl-imġiba tiegħu huwa ma beżax juri l-karattru sod tiegħu ta' Kattoliku prattikanti. Mat-twaqqif ta' l-Azzjoni Kattolika f'Malta, huwa, ġie maħtur l-ewwel President ta' dan il-moviment nhar il-11 ta' Ottubru 1931. Il-kovinzjoni tiegħu reliġjuża ġagħlitu jintefa b'ruħu u ġismu biex iwaqqaf l-Azzjoni Kattolika fuq sisien sodi. Ħadem ħafna biex organizza l-ewwel Kungress Ġenerali Djoċesan li sar fil-31 ta' Diċembru 1931. Dan sar fl-Isla u kien il-mezz biex l-Azzjoni Kattolika bdiet tinfirex ma' Malta kollha.[20] Bħala President ta' dan il-moviment dam sas-sena 1936, meta minfloku nħatar l-Avukat Herbert Ganado.[21]

Nistgħu ngħidu li l-avukat Alberto Magri kien bniedem ta' karità kbira. L-imħabba kbira li kellu għall-fqar, għal min hu batut ġagħlitu jissieħeb fis-Soċjetà ta' San Vincenz di Paola. Din is-Soċjetà kient tieħu ħsieb ħafna tal-fqar li dak iż-żmien kienu mhux ftit. Alberto ġie elett President tas-sezzjoni tal-Belt Valletta.[22] Bħala President kien dmir tiegħu li jara b'għajnejh u jmiss b'idejh l-faqar u t-tbatijiet ta' tant nies li kienu jersqu lejh jitolbuh l-għajnuna tiegħu u tas-Soċjetà. Kien imur personalment iżurhom u jara x'jista' jipprovdilhom, bħala għajnuna materjali, għal dak kollu li kellhom bżonn. Wara li temm il-karriera tiegħu fil-Qrati Maltin, huwa, kien dejjem disponibbli biex jagħti pariri legali lil tant fqar li kienu



**L-Imħallef Dr Alberto Magri, LL.D., it-tieni President tas-Soċjetà.**

jersqu lejh. Dawn il-pariri kien jagħtihom bla ħlas ta' xejn. Wettaq din il-ħidma karitattiva b'impenn u b'imħabba nisranija sakemm saħħtu ppermettietlu.[23]

Wara ħidma sfieqa b'risq il-poplu Malti beda jħoss li kien riesaq lejn it-tmiem tiegħu. Mgħobbi bl-età u bis-salib tal-mard, Dr Alberto Magri, miet fl-isptar ta' Santa Katerina – Attard, nhar l-1 ta' Frar 1972 Huwa kellu kellu kważi 76 sena.[24] Il-funeral sarlu fit-3 ta' Frar fil-Knisja Parorkkjali ta' S. Marija ta' Portusalvu u S. Duminku fil-Belt Valletta. Wara l-Quddiesa, li attendew għaliha ħafna nies minn kull sfera tas-Soċjetà Maltija, ġie midfun fil-qabar tal-familja fiċ-ċimiterju ta' l-Addolotata.[25]

Il-mewt ta' l-Imħallef Alberto Magri ħalliet vojt kbir fl-ambjent ta' l-Azzjoni Kattolika, fil-Qrati u fis-Soċjetà ta' S. Vincenz di Paola. Minn dan il-ftit ħjiel, li rnexxieli niġbor, Alberto Magri jidher bħala bniedem ta' kapaċità kbira u benefattur tal-poplu Malti. Is-Soċjetà tagħna FILARMONIKA 'SLIEMA' għadha tgħożż it-tifkira tiegħu. Bħala ex-President tal-Każin tagħna l-ħidma tiegħu kienet utli ħafna biex is-Soċjetà tagħna tqiegħdet fuq sisien sodi. Ir-ritratt tiegħu jidher fis-sala prinċipali tal-Każin flimkien mal-Presidenti l-oħra li mexxew is-Soċjetà tagħna matul dawn is-77 sena li għaddew.

**REFERENZI**


1. Arkiv.Parr.S.Pawl Valletta, Libert Bapt., folio 279.
2. Tagħrif lill-awtur min-neputi tiegħu s-sur Renato Magri.
3. Maltese Biographies of the Twentieth Century 1997, p. 371.
4. *Id Ibid.*
5. Winston L. Zammit u Rev. P. Raniero Zammit O.F.M.Cap.: Soċjetà Filarmonika 'SLIEMA', 1993, p. 18.
6. *Id Ibid.*, p. 23.
7. *Id Ibid.*, p. 27.
8. *Id Ibid.*, p. 33.
9. Rev. Can. J. Ciarlò: "La Valette – Soċjetà Filarmonika Nazzjonali, l-ewwel mitt sena ta' Storja, 1994, p. 161.
10. Soċjetà Filarmonika 'Sliema', Opus Cit., p. 41.
11. *Id Ibid.*, p. 23.
12. *Id Ibid.*, p. 24.
13. *Id Ibid.*, p. 25.
14. Herbert Ganado LL.D.: Rajt Malta Tinbidel, Vol. I, p. 248.
15. Maltese Biographies, Opus Cit., p. 371.
16. Michael J. Schiavone: Elezzjonijiet f'Malta 1849–1992, p. 93.
17. Soċjetà Filarmonika 'Sliema', Opus Cit., p. 23.
18. Maltese Biographies, Opus Cit., p. 371.
19. Tagħrif lill-Awtur mis-Sur Renato Magri.
20. Herbert Ganado LL.D., Opus Cit., p. 457.
21. Maltese Biographies, Opus Cit., p. 301.
22. *Id Ibid.* p. 371.
23. *Id Ibid.*, p. 371.
24. Arkiv.Parr.Santa Marija ta' Portusalvu u S.Duminku,Liber morutorum, Vol. 1969–1983, p. 67, nru. 1.
25. Tagħrif lill-Awtur mis-sur Renato Magri.